Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dottor Simone Grech

Kumpilazzjoni Nru. 96/2019

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Agius)

vs

Shamison Lee Mifsud

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Shamison Lee Mifsud, KI 293898M, fejn gie akkuzat li:

1) *Nhar il-11 ta' Frar 2019 ghal habta tas-18,00hrs gewwa 166, Triq San Bartolomew, Hal Qormi u f' dawn il-gzejjer hebbejt ghall-omm it-tifla tieghek Dariann Cassar, u ikkagunatilha feriti ta' natura hafif hekk kif iccertifika Dr Alec Mifsud Med Reg: 3421;*

2) *Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil omm it-tifla tieghu, Darlann Cassar u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)( e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija mitluba li tohorg ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil omm it-tifla tieghu Darlann Cassar u kif ukoll il-postijiet li t-tali persuna tiffrekwenta.*

*Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta huw kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati b' sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi gew definittivi.*

Rat id-dokumenti kollha pprezentati.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019, Darlann Cassar kkonfermat bil-gurament tagha li hija qed tahfer lill-imputat u qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li fis-seduta ta' l-1 ta' Settembru 2020, Darlann Cassar regghet ikkonfermat li qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, Darlann Cassar, l-allegata vittma, irrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli. Hija lanqas ma xehdet f'dawn il-proceduri.

Meta l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat, ma gewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil Shamison Lee Mifsud minn kull kundanna u htija.

Magistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur